

3200600002

L 40/32

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.2.2006

IL-LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-3 ta' Frar, 2006

li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 tas-17 ta' Frar, 2005, dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri għall-iskambju ta' l-informazzjoni statistika fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fil-qasam ta' l-istatistika tal-finanzi tal-gvern

(BĊE/2006/2)

(2006/87/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 5.1 u 5.2, l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3,

Billi:

- (1) L-Artikolu 1 tar-Regolament Kunsill (KE) Nru 2103/2005 tat-12 ta' Diċembru, 2005, fir-rigward tal-kwalità tad-*data* statistika fil-kuntest tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv⁽¹⁾, jirrevedi *inter alia* d-dati ta' skadenza għar-rappurtar tad-*data* fil-kuntest ta' l-EDP sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tagħhom mad-dati ta' skadenza tal-programm ta' trasmissjoni tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 95 (ESA 95)⁽²⁾. Bħala riżultat ta' din ir-reviżjoni, sa mill-2006 l-iStati Membri ser ikunu obbligati li jirrapportaw id-*data* fil-kuntest ta' l-EDP qabel l-1 ta' April u l-1 ta' Ottubru ta' kull sena.
- (2) Il-bżonnijiet ta' l-Ewrosistema skond il-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 tas-17 ta' Frar, 2005, dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri għall-iskambju ta' l-informazzjoni statistika fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali fil-qasam ta' l-istatistika tal-finanzi tal-gvern⁽³⁾, għandhom ikunu bbażati, għal raġunijiet ta' konsistenza, fuq l-istandards ta' l-istatistika ta' l-ESA 95 sa fejn dan ikun possibbli. Id-dati ta' skadenza fl-Artikolu 4 tal-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 għar-rappurtar bi-annwali ta' għabriet kompluti ta' *data* mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għalhekk jeħtieġu li jiġu riveduti.
- (3) Skond l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 ta' l-iStatut, il-linji ta' gwida tal-BĊE jiffurmaw parti integrali mid-dritt tal-Komunità,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

Artikolu 1

Il-Linja ta' Gwida BĊE/2005/5 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 4(1) huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw għabriet kompluti ta' *data* darbtejn fis-sena, qabel il-15 ta' April u qabel il-15 ta' Ottubru."

2. L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

Il-kelma "Settembru" taħt l-intestatura "L-ewwel *data* ta' trasmissjoni" fil-kolonna tal-lemin taż-żewġ tabelli msemmija "Data Kurrenti" u "Data ta' wara" hija mibdula bil-kelma "Ottubru".

Artikolu 2

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara li tiġi adottata.

Artikolu 3

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-BĊNi ta' l-iStati Membri li adottaw il-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fit-3 ta' Frar, 2006.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ ĠUL 337, 22.12.2005, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2223/96 tal-25 ta' Ġunju, 1996, dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠUL 310, 30.11.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 180, 18.7.2003, p. 1).

⁽³⁾ ĠUL 109, 29.4.2005, p. 81.